# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Novembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Moumen Troure**

**Kumpilazzjoni Nru: 504/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Moumen Troure maghruf bhala Mumen Traore maghruf bhala Mumen Traore u maghruf bhala Mumin Trabule', detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 43874(A) u ta' dokument ta' Identifikazzjoni li jgib in-numru 005315.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru 2014 u fis-07 ta' Gunju 2015, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art. 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):-

1. Fil-11 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-hdax u ghoxrin ta' filghodu (11:20am) ikkommetta serq ta' oggetti ghad-detriment ta' Brian Mizzi

u/jew Arkadia Foodstore, Portomaso u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Nhar is-07 ta' Gunju 2015 ghall-habta tal-hamsa neqsin ghoxrin ta' wara nofs in-nhar (04:40pm) ikkommetta serq ta' oggetti ghad-detriment ta' Brian Mizzi u/jew Arkadia Foodstore, Portomaso u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli fis-07 ta' Gunju 2015 ghal habta tal-hamsa neqsin ghoxrin ta' wara nofs in-nhar (04:40pm) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-gisem ta' Jeffrey John Cosgrove (Art. 216 Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. U aktar talli fis-07 ta' Gunju 2015 ghal-habta tal-hamsa neqsin ghoxrin ta' wara nofs in-nhar (04:40pm) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Simon Cosby. (Art. 221 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' Simon Cosby u Jeffrey John Cosgrove sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom il-hsara (Art. 339 (1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. U aktar talli fis-07 ta' Gunju 2015 u x-xhur ta' qabel, wara li sab hwejjeg cioe' mobile phone tal-ghamla Samsung GT-S6500D li kienu naqsu lil Vladica Stevanovic u/jew persuni ohra jew li kienet tilfet, ma gharafx bihom fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva. (Art. 340(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli kiser Ordni tal-Probation li nghatat fis-07 ta' Novembru 2014 mill-Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D.

U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw zewg episodji ta' serq a dannu ta'l-Arkadia Foodstore, kif ukoll is-sejbin ta' mobile mitluf.

Illi l-ewwel episodju ta' serq jirrisali ghall-11 ta' Dicembru 2014. Dak in-nhar minn verifiki li saru mac-CCTV recordings d-dirigenti ta' l-Arkadia Food Sture irrealizzaw li kien hemm persuna li kienet hadet diversi prodotti minn fuq l-ixkaffef, poggiethom go basket u baqghet hierga minghajr ma hallset.

Illi in sostenn ta' din l-allegazzjoni gie prezentat ir-recording mehud mic-CCTV cameras tas-supermarket in ezami. Illi CD immarkata "11th December" formanti parti mid-dokument ES a fol 29 tal-process fit-tracks 3, 4, 5 u 6 l-imputat jidher kjarament qed jiehu affarijiet minn fuq l-ixkaffef jpoggihom f'basket (u mhux it-trolley tas-supermarket). Fit-track numru 7 jidher qed jipprova johrog mis-supermarket minghajr ma' jhallas billi jghaddi minn wara l-unika kaxxiera li kien hemm fit-tlett cash pints li jidher li jaghtu ghat-triq; il-kaxxiera ndunat li l-imputat kien ser jibqa ghaddej u waqqfietu; jidhru qed jitkellmu fil-waqt li kienet ghada qed taqdi klienti ohra u mbaghad l-imputat jidher diehel lura fis-supermarket. Dak il-hin l-imputat kellu il-basket mimli f'id wahda u zewg prodotti (jidhru li huma detergents) f'l-id l-ohra. Ftit sekondi wara jidher hiereg minn hdejn il-cash points l-ohra, b'l-istess basket u l-istess zewg prodotti. Anke hawn kien hawn kaxxiera wahda li ma kelliex nies pero kienet aljenata qed titkellem ma xi hadd. L-imputat jidher kjaramant miexi 'l barra, wara mara li ukoll kienet hierga 'l barra[1] b'mod li l-kaxxiera, li dak il-hin aljenata qed titkellem, ma setghetx tarah. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-persuna li tidher f'dawn ir-recordings hija l-imputat.

[1] Din il-mara ma jidhirx li kellha xi prodotti ghall-hlas.

Illi dwar l-episodju tas-7 ta' Gunju 2015 jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Simon Cosby, loss prevention officer ma'l-Arkadia supermarket, li huwa nduna li fis-supermarket kien hemm l-istess persuna li kienet harget b'l-affarijiet minghajr ma hallset f'Dicembru ta' qabel, cioe l-imputat. Cosby informa lill-kaxxiera biex toqghod attentata u jekk l-imputat jipprova johrog minghajr ma jhallas tinfurmah halli jwaqqfu. Il-kaxxiera, certu Samantha Cutajar[2], spjegat li malli bdiet xoghol u marret fuq cash point assenjata lilha (wahda minn dawk li jaghti ghall-carpark), rat lill-imputat qed jaqbez in-nies fil-cashpoint l-ohra u jimxi ghall-bieb biex johrrog fil-carpark. Hija harget ghal fuqu, waqqfitu (meta kien ghadu ma harigx) u talbitu l-ircevuta. Sadattant gie Simon Cosby u talab lill-imputat biex imur mieghu f'l-ufficju li qieghed vicin hafna ta' dawk il-cash points. Cosby jkompli jirrakkonta li huwa qal lill-imputat li ser ikollu icempel lill-pulizija, l-imputat pero beda jimbotta lil Cosby biex johrog mill-ufficju u spicca biex imbotta lil Cosby u qala l-bieb ta'l-ufficju bih, waqghu ma'l-art u komplew jissaraw ma'l-art. F'dan l-istadju klient li kien hemm fis-supermarket, certu John Cosgrove intervjena biex jghin lil Cosby izomm lill-imputat sa kemm gew il-pulizija. Cosgrove tressaq bhala xhud u qal li meta ra lil Cosby f'diffikolta huwa intervjena biex jghinu jzomm lill-imputat li baqa jissara maghhom sakemm gew il-pulizija.

Illi l-pulizija li marru fuq il-post xehedu ukoll; huma jispjegaw li meta waslu fuq il-post sabu lill-imputat ma'l-art jissara ma'Cosby u Cosgrove li kienu qed izommuh ma'l-art. Meta waslu mmanettjaw lill-imputat u dahhluh fil-kamra tas-security sa kemm haduh l-ghassa. Peress li kemm Cosby u Cosgrove bdew iihossu ugih wara l-incident intbaghtu l-Isptar.

Illi dawn il-fatti, kemm l-imputat hiereg minn hdejn il-cash points x'hin waqqfitu Samantha Cutajar, kif ukoll l-incident li sehh f'l-ufficju tas-security, jidhru fir-recordings tac-CCTV[3]. Anke f'dan il-kaz dawn ir-recordings ma jhallu l-ebda dubbju dwar x'gara sia fil-mument li l-imputat kien qieghed hdejn il-cashpoint hiereg 'l barra u waqqfitu Samantha Cutajar kif ukoll x'gara f'ufficcju tas-security ma' Simon Cosby.

Illi dwar il-griehi li soffrew Cosby u Cosgrove gew prezentati c-certifikati medici relattivi. Fil-waqt li Cosby jghid li huwa wegga' ghonqu, genbu u daru, ic-certifikat rilaxxjat mit-tabib li nvistah[4] jghid "*no external injuries*

---

[2] Li ukoll iddeponiet quddiem din il-Qorti.

[3] Ic-CD l-ohra formanti parti mid-dokument Dok ES (a fol 29) u c-CD Dok ES1 (a fol 30)

[4] Esebiet a fol 16 tal-process

*visible”*, u li anke l-x-rays li ttiehdu ma jindikaw l-ebda frattura. It-tabib koncernat, Dr Wayne Tonna, quddiem din il-Qorti qal li Cosby kien qed jilmenta minn ugih f’sidru ghalhekk huwa ikklassifika l-griehi bhala hfif.

Illi Cosgrove qal li malli spicca l-incident kellu diffikolta biex jiehu nifs u beda jissusspetta li kien wegga’ l-kustilji. L-isptar hu ukoll kien invistat minn Dr Wayna Tonna; dan iccertifika l-griehi sofferti minn Cosgrove bhala hfif minhabba li mill-x-ray li ttiehded ma rrizultax ksur. Cosgrove spjega fid-depozizzjoni tieghu li minkejja dak li tnizzel fic-certifikat meta kien l-isptar l-isptar gie infurmat li seta’ kellu frattura fil-kustilji u anke ppreskrivewlu pain killers. Cosgrove ikompli jispjega li huwa baqa b’l-ugih ghalhekk wara gimghatejn mar l-isptar St James hemm ittiehdulu zewg xrays u minnhom irrizulta li kien hemm ksur. It-tabib li invista lil Cosgrove f’din l-istanza, certu Dr Anthony Buttigieg, tressaq bhala xhud u kkonferma ic-cetifikat minnu rilaxxjat.

Illi dwar il-mobile, jirrizulta mir-rapport esebit a fol 6 tal-process li certu Vladica Stevanovic nhar l-20 ta’ April 2015 mar l-ghassa ta’ San Giljan u rrapporta li gurnata qabel kien tilef il-mobile phone tieghu f’ Wilga Street Paceville. Meta l-imputat gie arrestat mill-pulizija u ttiehed l-ghassa huwa kellu mobile phone fuqu; l-ufficjal prosekutur fetah dan il-mobile u rrizulta li l-IMEI number tieghu kien l-istess ta’ dak il-mobile phone rappurtat mitluf minn Stevanovic.

Illi l-imputat offra d-depozizzjoni tieghu. Huwa jichad li qatt seraq xi haga mill-Arkadia supermarket. Dwar l-episodju tas-7 ta’ Gunju 2015 jghid li huwa mar ghand kaxxiera biex ihallas pero mbaghad mar ghand kaxxiera ohra u twaqqaf, gew hafna nies waqqawh ma’l-art u zammewh sa kemm gew il-pulizija. Huwa jghid li prova jiccaqlaq imma ma rnexxielux. L-imputat jammetti li din ma kenitx l-ewwel darba li mar l-Arkadia Supermarket; jghid ukoll li fil-hin kollu li kien f’l-Arkadia nhar is-7 ta’ Gunju huwa ma mbotta lil hadd. Dwar il-mobile li nstab fil-pussess tieghu l-imputat jghid li huwa xtara dan il-mobile phone minghand xi hadd jismu Suleiman il-Marsa.

Ikkunisdrat

Illi peremzz ta’l-ewwel imputazzjoni, u b’referenza ghall-episodju li sehh nhar il-11 ta’ Dicvembru 2014, l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta’serq semplici a dannu ta’ Arkadia Foodstore.

Illi fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi ghaliex ir-recording esebiet ma jhalli l-ebda dubbju li l-imputat ha diversi prodotti mis-supermarket in ezami u baqa hiereg bihom minghajr ma hallas ghalihom. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti ma jirrizultax x'kien il-valur tal-prodotti li l-imputat ha dak in-nhar. Ghalhekk ai fini ta'piena ghandu japplika t-tieni paragrafu ta'l-artikolu 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat b'istanza ohra ta' serq semplici, din id-darba b'referenza ghall-episodju tas-7 ta' Gunju 2015.

Illi anke hawn il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat ha diversi prodotti, u baqa hiereg mill-cash points minghajr ma hallas; kien biss l-intervent ta' Samantha Cutajar li waqqfet lill-imputat milli johrog mis-supermarket. Ghandu jigi sottolineat li fil-mument li Cutajar waqqfet lill-imputat biex titolbu jekk huwa kellux ricevuta huwa kien ghadda l-cash points u ghalhekk l-intenzjoni tieghu li jibqa hiereg minghajr ma jhallas hija indubbja. Pero fil-mument li Cutajar waqqfietu huwa kien ghadu ma harigx mis-supermarket. Ghalhekk hija legittima l-mistoqsija jekk l-imputat jistax jinstab hati ta' serq ikkunsmat jew tat-tentattiv tieghu.

Illi hemm diversi teoriji dwar f'liema mument il-*contractatio* ta' oggett mobbli jista' jinghad li huwa komplet partikolarment meta si tratta ta' oggett mobbli li ttiehed minn go propjeta immobbli. Dawn it-teoriji kollha gew trattati mill-awturi inkluz il-Professur Sir Anthony Mamo. Jidher li l-opinjoni prevalenti hi li tissussisti l-*contractatio* meta l-oggett ikun ittiehed mill-kontroll effettiv ta' sidu. Fil-kaz in ezami u la darba l-imputat kien qabez il-cash points l-Qorti hija tal-fehma li anke dan l-element gie pruvat.

Illi din id-darba l-valur ta' l-oggetti gie verifikat u jirrizulta li jecceddi t-tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu msemmija f'l-artikolu 285 tal-Kapitolu 9.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Cosgrove, li kkawza ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Simon Cosby, u li hebb ghal dawn l-istess persuni biex jaghmlilhom hsara.

Illi jibda biex jigi rilevat li meta Simon Cosby prova jzomm lill-immputat f'l-ufficju tieghu sa kemm jigu l-pulizija huwa kien qieghed jezercita dritt maghruf bhala *citizens' arrest* u kontemplat f'l-artikolu 355W tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu, f'l-ewwel subinciz tieghu, jipprovdi hekk:

> *Kulhadd ukoll jekk ma jkunx ufficjal pubbliku jista' jaghmel arrest minghajr mandat lil xi hadd li jkun fl-att li jaghmel jew li jkun ghadu kemm ghamel ..... xi delitt ta' serq .....jew hsara lill-proprjetà.*

Illi l-imputat kien ghadu kif seraq diversi oggetti ghalhekk Cosby kien qed jagixxi fil-paramentri tal-Ligi meta hu qal lill-imputat biex joqghod f'l-ufficju sa kemm jigu l-pulizija. Mill-filmat esebiet jirrizulta ampjament li kien l-imputat li mbotta lil Cosby u ssara mieghu sa kemm waqghu ma'l-art. Mhux hekk biss imma jirrizulta ukoll li meta intervjena Cosgrove biex jassisti lil Cosby l-imputat baqa' jissara anke ma' Cosgrove.

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li f'din it-taqbida Cosgrove soffra griehi gravi (frattura f'kustilja) u Cosby griehi hfif minhabba l-ugih li hass.

Illi skond il-Professur Sir Anthony Mamo[5] *a stab or a cut or any contused lacerated wound or mntal shock or* ***any other hurt*** *or injury calculated to interfere with the health or* ***comfort of a person****... would be sufficient to be constiute slight bodily harm*[6]. Konsegwentement l-ugih li hass Simon Cosby jaqa taht definizzjoni ta' offiza ta' natura hafifa fit-termini tat-tielet paragrafu ta'l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 u cioe offiza hafifa ta' importanza zghira.

---

[5] Notes on Criminal Law Vol II pagna 235
[6] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

Illi dwar l-kosegwenzi sofferti minn John Cosgrove jirrizulta li esebieti in atti hemm zewg certifikati, l-ewwel wiehed jikklassifika l-griehi minnhu sofferti bhala hfif minhabba li l-X-ray li ttiehed dak in-nhar ta' l-incident ma kienx juri ksur; it-tieni certifikat jindika li l-griehi sofferti minn Cosgrove kienu gravi minhabba li miz-zewg x-rays li ttiehdu fi sptar iehor irrizulta li kien hemm frattura f'kustilja.

Illi ghalkemm dan jista' jisher bhala kunflitt fil-provi li jimmina t-tezi tal-prosekuzzjoni l-Qorti hija tal-fehma li dawn ic-certifikati, mehuda fil-kumpless tal-provi kollha, inkluz dak li qal Cosgrove innifsu dwar x'hass, u dak li qalu ukoll it-tobba li nvistawh u li rrilaxxjaw iz-zewg certifikati imsemmija mhumiex kontradittorji imma wiehed jaghti stampa aktar kompleta mill-iehor. It-tieni tabib li ra lil Cosgrove, Dr Anthony Buttigieg, spjega li, a differenza ta' dak li gara dak in-nhar ta' l-incident meta ittiehed x-ray wiehed biss[7], huma hadu zewg x-rays wiehed wiccu lejn il-plate, u f'dan ma dehritx il-frattura, u iehor imejjel, u f'dan tidher il-frattura.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li l-griehi li soffra Cosgrove kienu gravi fit-termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet kollha issa in ezami jirrizultaw pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunisdrat

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bil-kontravvenzjoni ravvizata f'l-artikolu 340(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza din l-imputazzjoni fuq il-fatt li l-mobile phone li gie rappurtat mitluf f'l-20 ta' April 2015 minn certu Vladica Stevanovic instab fil-pussess ta' l-imputat.

Illi ghalkemm ma jezisti l-ebda dubbju li l-mobile phone rappurtat mitluf minn Stevanovic kien l-istess mobile phone li nstab fil-pussess ta'l-imputat, ma ngabitx prova li dan il-mobile phone instab mill-imputat meta tilfu sidu. Il-fatt wahdu li l-imputat gie fil-pussess ta' dak il-mobile phone ma jfissirx

[7] Dak in-nhar Cosgrove kien invistat minn Dr Wayne Tonna.

necessarjament li kien hu li sabu meta intilef. L-imputat da parti tieghu jghid li huwa xtara l-mobile phone (Samsung S6500) minghand wiehed jismu Suleiman bil-prezz ta' hamsa u sittin Euro il-Marsa. Naturalment ic-cirkostanzi li fihom l-imputat akkwista l-mobile u l-prezz li hallas ghalih jistghu jqanqlu suspetti u possibiliment jistaghu jinkwadraw ruhhom f'reat iehor pero f'nuqqas ta' prova li kien l-imputat li sab il-mobile fil-mument li tilfu Stevanovic l-imputrazzjoni issa in ezami ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bi ksur ta' ordni ta' probation u bir-recidiva,

Illi in sostenn ta' dawn l-addebieti gew prezentati zewg sentenzi: wahda datata 15 ta' Marzu 2012 mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali permezz ta' liema giet konfermata kundanna ta' tmien snin prigunerija, u l-ohra datata 7 ta' Novembru 2014 mghotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta peremzz ta' liema l-imputat wara li nstab hati tar-reati hemm indikati tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat permezz ta' din is-sentenzi gew kommessi f'Dicembru 2014 u Gunju 2015 ghalhekk l-addebieti issa in ezami jirrizultaw ampjament pruvati.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li lanqass biss lahaq ghadda xahar minn meta il-Qorti tat lill-imputat opportunita li jircievi ghajnuna b'l-ghan li huwa jirriabilita lilu nnifsu huwa rega kkommetta reat iehor u kompla jippersisti permezz ta' reati ohra sussegwenti fit-triq tal-kriminalita. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja u li titratta ma'l-imputat ghar-reati li dwarhom tpogga taht ordni ta'probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 214, 215, 216(1)(d), 221(3) u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-

imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah disa' xhur prigunerija u qed titratta mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fis-7 ta' Novembru 2014 u ghalihom tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**